**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA DWAR IL-KUNSILL EWROPEW TAL-21 TA' JANNAR 2021**

Sur President,

Nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar, saret laqgħa virtwali bejn il-membri tal-Kunsill Ewropew li matulha ġiet indirizzata s-sitwazzjoni tal-pandemija COVID-19 fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-koordinament ta' azzjonijiet meħtieġa mill-Istati Membri.

F'din il-laqgħa ddiskutejna s-sitwazzjoni epidemjoloġika, ir-rati ta' infezzjonijiet u l-bżonn li nikkordinaw aħjar bejnietna fuq il-miżuri li nieħdu. Għaliex fis-suq intern, deċiżjoni li jieħu pajjiż hi direttament konnessa ma' dik li jieħdu pajjiżi ġirien tiegħu.

Iddiskutejna fit-tul ukoll il-kwistjoni tal-vaċċin, fejn bħala mexxejja, filwaqt li rringrazzjajna lill-Kummissjoni Ewropea tal-ħidma tagħha biex ikunu assigurati u garantiti numru ta' dożi tal-vaċċin għal kull Stat Membru, sħaqna dwar il-bżonn li nlaqqmu kemm jista' jkun malajr lill-popli tagħna.

Dwar il-vaċċin, kien hemm diskussjoni dwar ditta partikolari tal-vaċċin li għadha mhux ċertifikata mill-Awtorità tal-Mediċini Ewropea, jiġifieri l-AstraZeneca u li xi mexxejja talbu li tiġi mqassma qabel din iċ-ċertifikazzjoni biex malli tkun awtorizzata, tkun tista tiġi amministrata immedjament. Dwar dan il-President tal-Kummissjoni Ewropea talbet kawtela.

Min-naħa tagħna, bħala pajjiż, ser nibqgħu nsegwu l-iżviluppi marbuta mal-vaċċin. Aħna nifhmu wkoll is-sejħa ta' diversi stati membri biex tiġi aċċellerata l-produzzjoni tal-vaċċin u nħarsu lejn il-proposta tal-Ġermanja, dik li hemm bżonn ta' liċenzji ta' esportazzjoni għall-kumpaniji Ewropej li qed jipproduċu l-vaċċin, bħala waħda interessanti. Dan għaliex l-għan tagħna jibqa' li nlaqqmu l-poplu tagħna kemm jista' jkun malajr sabiex nirritornaw għal normalità fl-eqreb żmien possibbli.

Hawnhekk nixtieq nagħmel parentesi żgħira biex infakkar żewġ żviluppi pożittivi oħra li kellna lbieraħ. L-ewwel, il-wasla ta 14,040 doża tal-vaċċin tad-ditta Pfizer. U t-tieni, id-deċiżjoni meħuda fil-Kabinett ilbieraħ ukoll li ninvestu madwar €2 miljun oħra biex nixtru 80,000 doża tal-vaċċin tal-Moderna. Dwar dan ikun jista' jipprovdi aktar dettalji d-Deputat Prim Ministru però li xtaqt inżid hu li ser nibqgħu nintensifikaw ir-*roll-out* tal-vaċċin, dejjem bl-għan li naqbdu t-triq tal-irkupru ekononimku fl-eqreb żmien possibbli.

Hawnhekk bilfors irrid insemmi li pajjiżna jinsab l-ewwel fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni tal-vaċċin u dan kollu ma ġiex b'kumbinazzjoni, iżda sforz pjan ċar li għandna u d-deċiżjonijiet li nieħdu ta' kuljum.

Sur President,

Fil-laqgħa ddiskutejna wkoll il-varjanti ġodda tal-COVID-19. F'dan ir-rigward, il-President tal-Kummissjoni Ewropea insistiet dwar il-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità ta' sekwenzar ġenetiku fl-Istati Membri. Dan sabiex ikollna stampa aktar ċara tal-firxa tal-varjanti l-ġodda.

Uħud mill-Istati Membri insistew li jidħlu fis-seħħ miżuri speċifiċi, partikolarment dwar l-ivjaġġar meqjus mhux essenzjali, u dan sabiex tiġi kkontrollata l-firxa ta' dan il-virus. Madankollu, hemm rieda komuni sabiex il-fruntieri interni bejn il-pajjiżi membri jibqgħu

miftuħa u b'hekk ikun żgurat li s-Suq Waħdieni jibqa' jiffunzjona mingħajr ebda xkiel, partikolarment dwar il-kummerċ ta' prodotti u servizzi hekk meqjusa essenzjali.

Tqajjem ukoll il-punt dwar iċ-ċertifikat tal-vaċċin. Dwar dan, il-mexxejja qablu bejniethom li jkun hemm koordinament fuq 'prova ta' vaċċin' li tkun komuni f'kull pajjiż, u tkun interoperabbli. Dan għandu jintuża l-ewwel għal skopijiet mediċi. Id-diskussjoni fuq f'liema ċirkostanzi oħra tista' tintuża l-prova tal-vaċċin ser ikunu qed iseħħu aktar 'l quddiem.

Dwar dan, bħalma għamlu diversi mexxejja oħra, jiena ktibt lill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursola von der Leyen għaliex nemmen li ċ-ċertifikat tal-vaċċin jista' jkun għodda importanti biex jiffaċilita aktar il-moviment ħieles ta' persuni. Dan flimkien ma għodod oħra li għandna għad-dispożizzjoni tagħna.

Fl-aħħar nett qbilna wkoll li rridu nesprimu solidarjetà kemm bejnietna kif ukoll ma' pajjiiżi terzi biex, b'mod effettiv, inkunu nistgħu nkomplu nikkumbattu din l-pandemija lkoll flimkien.